



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0286(COD)

14288/18
ADD 1

CODEC 2009
TELECOM 406
COMPET 779
MI 842
CONSOM 320
JUSTCIV 279

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (EU) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Finlandja

Il-Finlandja tilqa' l-qbil milħuq bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar id-Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika u r-Regolament Berec. Il-Finlandja tappoġġa totalment il-promozzjoni tas-Suq Uniku Diġitali li hu element essenzjali tal-kompetittività tal-UE. Għall-Finlandja, l-għan ewlieni fid-diskussjonijiet kien ir-rilassament u l-aġġornament tar-regolament attwalment strinġenti dwar is-servizzi ta' telekomunikazzjoni. Il-Finlandja hija favur ħafna l-oġġettivi ewlenin tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u l-aġenda ta' regolamentazzjoni aħjar, jiġifieri l-għan li jkun żgurat li l-leġislazzjoni tal-UE twassal riżultati għaċ-ċittadini u n-negozji b'mod effettiv, effiċjenti u bi spejjeż minimi. Jiddispijacija ninnotaw li r-regolamentazzjoni ta' prezzijiet għal Telefonati Intra-UE hija f'kunflitt ma' dawn l-oġġettivi ġenerali, kif ukoll mal-oġġettivi ta' modernizzazzjoni u investiment tal-qafas regolatorju. L-ewwel, ir-regolamentazzjoni ta' prezzijiet ma tirriflettix approċċ regolatorju b'reżistenza għall-futur, partikolarment peress li r-regolamentazzjoni tiġi applikata fuq servizzi li l-użu tagħhom fost il-konsumaturi qiegħed jonqos ġeneralment. It-tieni, din it-tip ta' regolamentazzjoni ta' prezzijiet mhix ġustifikata fis-suq fejn il-konsumaturi huma provduti b'varjetà ta' alternattivi. Il-provediment ta' telefonati u SMS intra-UE tradizzjonali hu kompetittiv f'ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numru hija dejjem aktar popolari fost il-konsumaturi, anke f'komunikazzjoni transkonfinali. Ir-regolamentazzjoni ta' prezzijiet timponi bidliet sinifikanti tekniċi, kummerċjali u amministrattivi għall-fornituri ta' servizzi mingħajr benefiċċju muri b'mod ċara għall-konsumatur fuq skala wiesa'. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Finlandja tesprimi d-diżappunt tagħha dwar il-qbil li tiġi inkluża regolamentazzjoni ta' prezzijiet ta' telefonati intra-UE fil-kompromess finali.